**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 685/2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Jonathan Ransley)**
**vs**
**Darren Hansford**

**Illum 10 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Darren Hansford ta' 39 sena, imwieled Pieta' fit-23 ta' Jannar 1980, bin David Hansford u Antoinette nee' Camilleri u resident Nru 1, Bini tal-Gvern, Blk B Fl9, Triq Sur Ugo Mifsud, Lija, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 64680(M);

**Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioe' talli:**

1. **Nhar l-10 ta' Diċembru 2018 għal-ħabta tas-06:15 ta' filgħodu** minn Triq San Ġorġ, San Ġiljan ikkommetta serq ta' telefon ċellulari minn ġewwa vettura ta' għamla Isuzu, liema serq jeċċedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur', bil-'mezz' u bix-'xorta tal-ħaġa misruqa', għad-dannu ta' Colin Farrugia u/jew persuni oħra;

2. Fis-sena 2019 ġewwa triq Luqa Briffa, Gżira u/jew fil-lokalita tal-Gżira, ikkommetta serq ta' welding gas equipment liema serq huwa kwalifikat bil-valur, liema ammont jeċċedi mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

3. Bejn il-31 ta' Jannar 2019 u l-01 ta' Frar 2019 minn Triq l-Ursulini, Ħamrun ikkometta serq ta' tlett (3) Blood Glucose meter minn ġewwa ettura ta' għamlta Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni UNI-100, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz' u bix-'xorta tal-ħaġa misruqa', għad-dannu ta' Christopher Lia u/jew persuni oħra;

4. **Nhar l-4 ta' Frar 2019 għal-ħabta tas-06:45 ta' filgħaxija** minn Triq n-Naxxar, Birkirkara ikkommetta serq ta' telefon ċellulari minn ġewwa vettura ta' għamla Honda bin-numru tar-reġistrazzjoni UVE-888 liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin, bil-'mezz' u bix-'xorta tal-ħaġa misruqa', għad-dannu ta' Kevin Brincat u/jew persuni oħra;

5. **Nhar is-17 ta' April 2019 għal-ħabta tas-06:30 ta' filgħodu** minn Triq Manoel De Vilhena Gżira, ikkommetta serq ta' telefon ċellulari minn ġewwa vettura ta' għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni ABN-775 liema serq ma jeċċedix is=somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), liema serq huwa ikkwalifikat bix-'xorta tal-ħaġa misruqa', għad-dannu ta' Christian Azzopardi u/jew persuni oħra;

6. **Nhar l-4 ta' Awissu 2019 għal-ħabta tal-12:15 ta' wara nofs in-nhar** minn Triq tas-Sliema, Gżira ikkommetta serq ta' laptop, flus kontanti u oġġetti oħra minn ġewwa vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CBR-082, liema serq jeċċedi is-somma ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tlettin ċenteżmu (2,329.37), liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bix-'xorta tal-ħaġa misruqa', għad-dannu ta' Majoeddin Ayad u/jew persuni oħra;

7. **Nhar il-11 ta' Settembru 2019 bejn is-01:00 ta' wara nofs in-nhar u it-03:30 ta' wara nofs in-nhar** minn Triq Michelle Bellanti, Msida ikkommetta serq ta' cheque book u oġġetti oħra minn ġewwa vettura ta' għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni LCJ-136 liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), liema serq huwa ikkwalifikat, bil-'valur' u bix'xorta tal-ħaġa misruqa', għad-dannu ta' John Cassar u/jew persuni oħra;

8. **Nhar it-13 ta' Settembru 2019 bejn l-04:00 ta' wara nofs in-nhar u l-04:15 ta' wara nofs in-nhar** minn ġewwa 'The Cube' Triq Luqa Briffa, Gżira, ikkommetta serq ta'

telefon ċellulari u oġġetti oħra liema serq jeċċedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċentenżmu (232.94), liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin, valur, għad-dannu ta' David Muscat u/jew persuni oħra;

9. **Nhar l-4 ta' Ottubru 2019 għal-ħabta tas-02:00 ta' wara nofs in-nhar** minn Triq Luqa Briffa, Gżira, ikkommetta serq ta' credit cards u flus kontanti minn ġewa vettura ta' għamla Volkswagen bin-numru tar-reġistrazzjoni JJV-101 liema serq huwa, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' John Xuereb u/jew persuni oħra;

10. Kif ukoll fis-sena 2019 u/jew fis-sena ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa u cioe telefons ċellulari u/jew oġġetti oħra, li l-valur tagħhom jeċċedi komplessivament is-somma ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tlettin ċenteżmu (2,329.37) meġud b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex jbiegħ jew jmexxih;

11. Kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr Neville Camilleri LL.D. datata 10 t'April 2019 liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel;

Il-Qorti hija mitluba li titratta ma' l-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta huma kienu ġew misjuba ħatja u ikkundannati għall-reati b'sentenzi ta' reati maltin liema sentenzi saru definittivi.

Rat illi l-uffiċjal prosekutur Jonathan Ransley ikkonferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni u l-imputazzjonijiet fis-seduta datata 9 ta' Novembru 2019;

Rat id-dokumenti tal-kawża;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-Avukat Ġenerali dehrlu illi mill-kompilazzjoni tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dawk li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271, 278, 279(b), 280, 281 tal-Kap 9;
2. Fl-artikoli 261(ċ), 267, 279(b) tal-Kap 9;
3. Fl-artikoli 261(b)(g), 263, 271, 278, 281 tal-Kap 9;
4. Fl-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271, 278, 281 tal-Kap 9;
5. Fl-artikoli 261(g), 271, 281 tal-Kap 9;
6. Fl-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271, 279(b), 280 tal-Kap 9;
7. Fl-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271, 279(b), 280 tal-Kap 9;
8. Fl-artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279, 281 tal-Kap 9;
9. Fl-artikoli 261(g), 271, 281 tal-Kap 9;
10. Fl-artikoli 334 tal-Kap 9;

11. Fl-artikoli 28B tal-Kap 9;
12. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kap 9

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 28 ta' Mejju 2024 għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fatt li l-Qorti ma kelliex għalfejn tkompli tiġbor aktar provi u l-fedina penali ta' l-imputat.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279(b), 280, 281, 334, 28B, 17, 31, 532A u 533 tal-Kap 9 ta' Malta, ssib lill-imputat Darren Hansford ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu, u wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda testendi s-sentenza sospiża mgħotija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 t'April 2019 b'sentejn priġunerija li jibdew jiddekkorru mil-lum sospiżi għal erba' snin.**

**Il-Qorti qed twissi lill-ħati bil-konsegwenzi skond il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**F'dan l-isfond, u stante li din il-Qorti tqis li hemm iċ-ċirkostanzi kollha meħtieġa għaliex isir ordni taħt l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati Darren Hansford taħt Ordni ta' Trattament u dan wara li ikkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament u dan għal perjodu ta' sentejn mil-lum u dan skond id-digriet anness ma' din is-sentenza u inoltre l-Qorti tordna lid-Direttur tal-Probation biex jara li l-istess Ordni jiġi mwettaq skond il-liġi.**

**Inoltre u ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna lill-imputat ħati Darren Hansford iħallas lir-Reġistratur l-ammont ta' elfejn disa' mija u seba' Ewro u disgħin ċenteżmu (€2907.90) marbuta mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri liema ħlas għandu jsir fi żmien sena mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**